*AMMISSJONI*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 8 ta' Jannar 2002**

**Kawza Numru: 31**
**Citazzjoni Numru: 1820/01/RCP**

**Dottor Joseph Ellis u Dottoressa Maria Gloria Lauri Lucente konjugi Ellis**

**vs**

**Dottor Giovanni sive Vanni Bruno**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-partijiet iffirmaw konvenju fil-12 ta' April 2001 ghall-bejgh u xiri tal-fond maghruf bhala "Ir-Razzett" bin-numri 28

u 30 gja numri 61 u 62 Triq it-Tahhan, Birkirkara, propjeta` tal-konvenut taht dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet hemm stipulati (Dokument A);

Illi *ai termini* ta' l-istess konvenju l-atturi hallsu lill-konvenut depoziti ta' tlett elef lira (Lm3,000) fl-istess jum tal-konvenju u somma ohra ta' disa' t'elef lira (Lm9,000) fil-21 ta' Gunju 2001 (Dokument B) u ghaldaqstant, hallsu b'kollox depozitu ta' tnax-il elf lira (Lm12,000) akkont tal-prezz pattwit;

Illi matul it-terminu ta' l-istess konvenju, l-atturi skoprew ostakli da parti tal-konvenut sabiex jigu konkluz il-att pubbliku ta' komprovendita` definittiv tal-fond imsemmi;

Illi l-konvenut naqas illi jnehhi l-ostakoli ghall-pubblikazzjoni ta' l-att ta' xiri u bejgh tal-fond in vendita bir-rizultat illi t-terminu tal-konvenju skada fil-31 t'Awissu 2001, minn liema data l-istess konvenju tilef il-validita` tieghu u l-kuntratt ta' xiri u bejgh baqa' ma sarx;

Illi l-konvenut naqas illi jhallas lura d-depozitu ta' tnax-il elf lira (Lm12,000) li thallsu lilu mill-atturi kif imsemmi;

Illi l-ammont fuq imsemmi ta' tnax-il elf lira (Lm12,000) huwa cert, likwidu u dovut u l-konvenut ma' ghandu l-ebda eccezzjoni valida xi jressaq kontra t-talbiet attrci;
Illi l-istess konvenut gie interpellat jhallas is-somma msemmija izda baqa' inadempjenti u ghalhekk, kellha ssir din il-kawza;

L-istess atturi ghalhekk talbu li il-konvenut jghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:

1. Tipprocedi ghas-Sentenza minghajr is-smigh tal-kawza u dana skond l-Artikoli 167-170 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12)

2. Tikkundanna l-konvenut jhallas lill-atturi s-somma ta' tnax-il elf lira (Lm12,000) rapprezentanti id-depozitu li thallas mill-atturi lill-konvenut ghax-xiri tal-fond imsemmi, liema bejgh u xiri ma sehhx kif intqal.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittri ufficcjali tal-5 ta' Ottubru 2001 u tad-19 ta' Novembru 2001, tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 3153/01 tal-14 ta' Novembru 2001 u tal-mandat ta' inibizzjoni numru 3152/01 tal-14 ta' Novembru 2001.

Bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv.

Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huwa mharrek.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tal-atturi;

Rat in-nota tal-konvenut tal-20 ta' Dicembru 2001 (fol. 23 tal-process) li biha ammetta it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenut, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fuq ammissjoni tal-konvenut **tilqa' t-talba tal-atturi** kif dedota fic-citazzjoni b'dan illi:

2. Tikkundanna l-konvenut jhallas lill-atturi s-somma ta' tnax-il elf lira (Lm12,000) rapprezentanti id-depozitu li thallas mill-atturi lill-konvenut ghax-xiri tal-fond imsemmi, liema bejgh u xiri ma sehhx kif intqal.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittri ufficcjali tal-5 ta' Ottubru 2001 u tad-19 ta' Novembru 2001, tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 3153/01 tal-14 ta' Novembru 2001 u tal-mandat ta' inibizzjoni numru 3152/01 tal-14 ta' Novembru 2001.

Bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**8 ta' Jannar, 2002**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**8 ta' Jannar, 2002**